MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 322/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Alfred u Carmen Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u ghoxrin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (LM3,720.99,0), ammont rapprezentanti in kwantu ghal tlett elef, mija u dsatax –il Lira Maltin u zewg centezmi, (LM3,119.02,0), bhala bilanc fuq self tat-tip "Flexicredit" mahrug f'isem iz-zewg konvenuti, bin-numru tal-kont 050-039346-301; u in kwantu ghal mitejn u wiehed u disghin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu, (LM291.39,0), bhala imghaxijiet kapitalizzati**

**bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) kull sena mit-18 ta' Settembru tas-sena 2004 sa l-20 ta' April tas-sena 2005l; u in kwantu ghal mitejn u erbgha u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM284.50,0), bhala bilanc fuq "rescheduled visa Account" mahrug f'isem il-konvenut Alfred Borg, u li jgib in-numru 050-039346-301; u in kwantu ghal sitta u ghoxrin Lira Maltin u tmien centezmi (LM26.08,0), bhala imghaxijiet kapitalizzati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), kull sena, mit-18 ta' settembru tas-sena 2004 ta' l-20 ta' April tas-sena 2005 hekk kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok. H1 sa Dok. H5;**

**Interpellati sabiex ihallsu prmezz ta' ittra ufficcjali datata nhar l-20 ta' Lulju tas0sena 2004, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjal datata nhar l-20 ta' Lulju tas-sena 2004 u bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' April tas-sena 2005 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti Borg li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti Borg iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-21 ta' Marzu tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti Borg.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------